**Kunsill Lokali Il-Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A05-12

21 ta' Ġunju 2012

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/05**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **l-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2012, fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u approvazzjoni ta' Sejħa għall-Offerti għall-*cleaning, maintenance, upkeep & embellishment of parks, public gardens and soft areas, using environmentally friendly products.*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Draft Financial Statements – Interim*
7. Affarijiet oħra
8. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip.Mgmt. M.I.M
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali IL-Gżira

11 ta' Lulju 2012

Ref Nru.Klg6/005

Minuti tal-laqgħa Nru Klg6/005 li saret l-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.00 p.m.

**Preżenti**

Seba' membri tal-Kunsill li kienu, s-Sindku Roberto Cristiano, il-Viċi-Sindku Joe Galea, l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, Victor Rutter u Joseph Muscat flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għal parti mill-laqgħa l-*Accountant* tal-Kunsill, Johanna Caruana.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa.

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-21 ta' Ġunju 2012.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Il-minuti tal-laqgħa Klg6/005 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2** Iċ-*Chairman* qal, li f'paġna Nru:2 para 1.3 wara l-kliem 'kien għalhekk, li xtaq jagħmel din il-kjarifika,' tiżdied il-frażi 'hu wkoll minn naħa tiegħu ma kienx ser jidħol fid-dettal tad-diskussjoni ta' bejnithom'.

Din il-korrezzjoni ġiet mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

Minħabba li ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet/kjarifiki, l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**2. Materji Konnessi**

**2.1** Dwar t-*traffic calming measure* ta' Triq ir-Rebħa, il-Kunsill qabel unanimament li għandha ssir laqgħa mar-residenti fl-*Activities Centre*, it-Tnejn 16 ta' Lulju 2012 fil-5.30 p.m. Il-Kunsill ser ikun rappreżentat mis-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Joe Camilleri kif ukoll, tintbagħat ittra lir-residenti.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John ser jattendi bħala resident.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill għandu jkollu l-kunsens bil-miktub mir-residenti ta' fejn tkun ser tiġi nstallata t-traffic *calming measure*.

**2.2 Pagna Nru: 6 para 1.4** – Il-Viċi-Sindku nforma li kien ivverifika mal-*MEPA* fejn irriżulta li ma kienx hemm permess għall-*swill room.*

**2.3 Paġna Nru: 8 para 2.10 –** rigward l-*Expression of Interest* għall-*Contract Manager,* l-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu kopja tas-Sejħa għall-Offerti li kien ħareġ il-Kunsill Lokali ta' Pembroke għal dan it-tip ta' servizz.

**2.4 Paġna Nru: 9 – para 2.12** – Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Martin Else kien wieġeb l-*e-mail* mibgħuta mill-Kunsill bil-kundizzjonijiet applikabbli iżda kien għadu ma nfurmax meta kien ser isir l-*on-site meeting* mal-Viċi-Sindku.

**2.5 Paġna 11 para 3.4** – Iċ-*Chairman* ta rendikont tal-laqgħa li kellu mas-*CEO* ta' l-Awtorita' tad-Djar, Dott Albert Buttigieg fl-14 ta' Ġunju 2012. Huwa qal, li matul din il-laqgħa ġew diskussi żewġ skemi li qed toffri din l-Awtorita' u cioe,' skema ta' tisbieħ fl-*area* tal-*Housing Estate* għal liema skema hemm fond allokat ta' €75,000.

Huwa spjega li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jidħol għal din l-iskema li minnha jistgħu jiġu nstallati; *photovoltaic panels, CCTV cameras* li s-*server* tagħhom jinżamm fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill, jiġu *upgraded* id-dwal eżistenti u proġetti oħra simili. It-tieni skema hi, li kull block jkollu *budget* ta' €5,000 li jrid jintuża' għall-manutenzjoni ħafifa u d-Dipartiment jixtieq l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jinkoraġġixxi dawn l-inizjattivi ta' l-Awtorita' u jikkordina' laqgħat li matula jinħatar amministratur għal kull blokk ta' liema responsabbilita,' jingħata sussidju ta' €150.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda unanimament li jipparteċipa f'dawn l-iskemi u tissejjaħ laqgħa għar-residenti l-Ħamis 12 ta' Lulju 2012, fiċ-Ċentru t' Attivitajiet fi Triq San Albert fil-5.30 p.m. li ser titmexxa minn Dott Buttigieg u s-Sindku. Għalhekk, għandha tintbagħat ittra lir-residenti.

**2.6** Rigward il-konferenza *ECAD* li saret l-Irlanda, l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsill Lokali tas-Swieqi kellu jibgħat rapport u li bejn l-4 u 7 t'Ottubru 2012 ser issir *WeFree Days* u *ECAD Seminar* f'San Patrignano.

**2.7** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li ġa la darba d-ditta *NBE Engineering Services* kienet ikkonfermat li n-nuqqasijiet elenkati ta' l-*outdoor gym equipment* mid-ditta *JGC Ltd* kienu saru, il-ħlas ta' €2,900.00 li kien ġie approvat fil-laqgħa li saret fil-11 t'April 2012, Laqgħa Klg6/003, *request sheet* Nru: 021, permezz ta' ċekk HSBC Nru: 7719 seta' jsir lid-ditta hawn fuq msemmija.

**2.8** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*full development permit* tad-ditta *WH Works* kien wasal u kemm il-Perit tal-Kunsill kif ukoll, il-Perit tad-ditta sopracitata għandhom jibagħtu l-*costings* tal-*canopy* ppjanata li ssir fuq it-*toddlers area* .

Minħabba li kienet waslet l-*Accountant* tal-Kunsill, iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża kemm l-*item* li kien qed jiġi diskuss kif ukoll l-*items* l-oħra fuq l-Agenda u tiġi diskussa *item* Nru: 6.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

### 6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta' *Draft Financial Statements – Interim*

**6.1** L-*Accountant* daħlet għall-laqgħa fis-6.15 p.m.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li invista tat-trasferiment tagħha, l-*Accountant* tal-Kunsill kienet intalbet tħejji *Financial Statements* liema dokument finanzjarju sar sal-31 ta' Mejju 2012, sabiex ikun ittieħed xahar sħiħ qabel il-preżentazzjoni tagħhom.

Filwaqt li tqassmet kopja tal-*Financial Statements*, l-*Accountant* intalbet tagħti spjegazzjoni (ara *Appendix* Nru:1).

Matul l-ispjegazzjoni dettaljata li tagħat l-*Accountant* u abazi tal-mistoqsijiet mressqa mill-membri tal-Kunsill, saret referenza għall-paġna Nru: 6 *Statement of Financial Position* fejn juri żbilanċ ta' madwar €23,334. bejn *current assets* u *current liabilities* u l-Kunsill ġie nfurmat, li skont il-*corresponding note* 9 l-*accruals* jinkludu x-*short term payments* tat-toroq Stuart u Ponsonby; Paġna Nru: 7 *Statement of Comprehensive*

*income* ġie spjegat, li r-*revenue* hu kompost mill-allokazzjoni prorata sal-31 ta' Mejju 2012, u minn xiex hu magħmul il-*General Income* skont corresponding note 11. L-istess spjegazzjoni ngħatat fir-rispett ta' l-*expenditure* skont *corresponding notes* 12, 13 u 14. Il-*Capital Expenditure* kif muri f'paġna 15 jinkludi t-toroq Stuart u Ponsonby.

Wara li ġew eżawriti punti oħra mressqa għall-attenzjoni ta' l-*Accountant*, il-Kunsill qabel unanimament mal-*Financial Statements* kif preżentati b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

L-*Accountant* infurmat ukoll, li kienet aġġornat il-*Fixed Assets Register* u sabiex dan ikun jirrifletti l-assi kurrenti u l-*Insurance Policy Digest*, resqet lista' ta' *items,* kopja ta' liema, tqassmet lill-membri tal-Kunsill waqt il-laqgħa, li kif maqbula mas-Segretarju Eżekuttiv, riedu jiġu *written off*. B'eċċezzjoni ta' *item* wieħed mixtri fis-sena 2007, l-*items* kollha li kienu qed jintalbu li jitneħħew kienu għall-perjodu 1995 sa 1998.

Wara din id-diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter ma' l-*items* mressqa biex jiġu *written off* u mal-*Fixed Assets Register.*

Invista ta' l-ispjegazzjoni li kienet għada kemm tagħat l-*Accountant*, fejn ġie rimarkat mis-Segretarju Eżekuttiv, li dawn il-*Financial Statements* qed jagħtu ħarsa għall-pożizzjoni attwali li l-Kunsill jista' jirkupra sa l-aħħar tas-sena finanzjarja jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2012, iċ-*Chairman* qal, li jeħtieġ li l-Kunsill jiffoka fuq mezzi oħra biex ikun jista' jwettaq il-proġetti tiegħu b'rferenza partikulari għall-*U.I.F.*

Il-Kunsill qabel li l-Perit għandu jerġa' jintalab li jirrevedi l-*BOQ* ta' Pjazza Gerry Zammit u abazi tas-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv, għandu jsir kuntatt mal-Bord responsabbli minn dan il-fond sabiex l-applikazzjoni li kienet saret għat-tranġar u tisbieħ f'din il-Pjazza, tiġi *upgraded* u tingħata prijorita'.

Invista tal-punt mressaq mill-Kunsillier Joe Camilleri dwar ħlasijiet pendenti għal talbiet ta' *boundary walls* u in vista tal-parir li kien ta' l-Avukat ta' Kunsill Lokali tas-Sliema, li skont il-Kunsillier Joe Camilleri kien rebaħ kawża simili għan-nom tal-Kunsill Sliema u a bażi ta' parir li l-istess Avukat kien ta' 'l dan il-Kunsill ġie deċiż, li ċ-*Chairman* jiltaqa' miegħu sabiex jiġu esplorati l-possibbiltajiet li l-Kunsill għad għandu biex jiġbor dawn il-flus. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li fil-passat il-Kunsill kien bagħat korrispondenza b'posta reġistrata 'l min kien nfurmat li kienu s-sidien iżda, din ġiet lura mhux imqassma. Il-Kunsillier Joe Camilleri żied jgħid, li kienet anke ntalbet l-assitenza tal-Perit tal-Kunsill izda sfortunatament dan ma kienx għadda l-informazzjoni mitlub minħabba li kien qal li ma kienx disponsibbli fuq is-sit elettroniku tal-M.E.P.A.

Intant il-Kunsillier Joe Camilleri qal li l-Kumitat Konġunt kien qed jagħmel l-almu kollu tiegħu sabiex il-ħlasijiet dovuti qabel l-1 ta' Settembru 2011, jiġifieri qabel ma daħal fis-seħħ ir-Reġjun jinġabru, bl-għan li dan il-Kunsill jirċievi l-parti dovuta lilu.

Minħabba l-fatt li l-punti relatati mal-finanzi kienu ġew eżawriti, il-kunsill irringrazzja lill-*Accountant* u din ħarġet mill-laqgħa fis-6.45 p.m.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien wasal is-Sur Ivan Stivala, rappreżentant ta' *C. Stivala & Sons Ltd* dwar it-*tower crane* fi Triq Ponsonby.

In vista ta' dan iċ-*Chairman* qal li l-Kunsill għandu jkompli bl-agenda kif imħejjija u cioe jitkompla *item* nru 2, li minnu kienet tifforma parti l-materja li ġie biex jiddiskutti s-Sur Stivala.

Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**2.9** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-kundizzjonijiet ġodda maħruġa mill-Perit tal-Kunsill li huma:

- Irid jinbena *hoarding fence/material* madwar il-*crane*.
- *Parking areas* fuq kull naħa tal-*crane* u tlett oħra (*opposite side*) tal-*crane* għandhom jitneħħew temporanjament. Il-kuntrattur jista jintalab iħallas għall-ispejjeż (*incurred*)
- il-bankina bejn il-*crane* u s-*site* trid tinżamm aċċessibbli
- l-*area* għandu jkollha t-tabelli u ż-żebgħa meħtieġa u *beacon lights* mixgħula matul il-lejl fuq iż-żewġ naħat tal-*crane*
- jiġu nstallati *forward warning signs (cones + new jersey barriers)*
- kull ħsara kawżata fil-wiċċ tat-triq u jew il-bankina għandha tiġi tranġata mill-kuntrattur a spejjeż tiegħu u ċertifikata mill-Perit tal-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li t-*tower crane* jiġi nstallat fl-10 ta' Lulju 2012 skont ir-regolamenti tal-*MEPA* u bil-kundizzjonijiet tal-Perit.

F'dan l-istadju is-Sur Stivala ġie mistieden jidħol fil-laqgħa fejn ġiet spjegata id-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill, li magħha qabel is-Sur Stivala u ġie mogħti kopja tal-korrispondenza bil-kundizzjonijiet tal-Perit, li l-applikant kien mitlub li jiffirma bħala aċċettazzjoni.

Intant abazi tal-mistoqsija tas-Sur Ivan Stivala dwar *reinstatement* ta' bankini, Kunsill informa li l-bankina ta' Triq Reid trid tiġi *reinstated* bil-*paving blocks* filwaqt li dik ta' Triq ix-Xatt trid issir bil-konkos.

**3. Korrispondenza**

**3.1** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-Erbgħa 27 ta' Ġunju 2012, kif ukoll, ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2** Inqrat il-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom.

**3.3** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li d-ditta *WasteServ* kienet bagħatet *e-mail* dwar ammont dovut lid-ditta sopracitata mill-Kunsill Lokali. Hi qalet, li fl-allokazzjoni finanzjarja 2009/2010 ma kien hemm ebda ndikazzjoni t'ammont allokat għat-*tipping fees* u għaldaqstant, x-xhur Ottutbru, Novembru u Diċembru 2009 tħallsu mill-ammont ta' l-allokazzjoni finanzjarja 2010, liema ammont kien ta' €39,408. li ġie eżawrit kif ġej, ix-xhur Ottubru, Novembru u Diċembru 2009 u Jannar, Frar, Marzu u April 2010, tħallas l-ammont skont il-fatturi mibgħuta u l-kumplament jiġifieri minn Mejju sa Diċembru 2010 tħallas l-ammont skont Ċirkolari maħruġa mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li tgħid, ' Il-Kunsilli għandhom iħallsu biss l-ammont kollu li ġew mogħtija mill-Gvern Ċentrali'.

Hi kompliet tgħid, li din l-informazzjoni kienet intbagħtet lid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali kkupjata lill-istess firmatarju tad-Ditta *WasteServ* s,Sur Clayton Azzopardi permezz ta' *e-mail* datata 7 ta' Mejju 2012 u fl-opinjoni tagħha l-Kunsill għandu żewġ oppzjonijiet jew li ma jirrispondix l-*e-mail* datata 27 ta' Ġunju 2012 ġa la darba l-informazzjoni mitluba diġa' ġiet sottomessa jew, tibqa' valida r-risposta tas-7 ta' Mejju 2012 li kienet ċara bizzejjed.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li t-twġiba għandha tkun li l-*Wasteserv* għandha tirreferi għar-r-risposta kif sottomessa fis-7 ta' Mejju 2012, ikkupjata lihom.

**3.4** Invista ta' *e-mail* datata 18 ta' Ġunju 2012, mill-uffiċċju tal-Perit tal-Kunsill dwar estimi ta' *resurfacing* ta' toroq kif mitlub mill-Kunsill iċ-*Chairman* qal, li din il-materja għandha tiġi trattata aktar 'l quddiem fil-*projections* li l-Kunsill ikun qiegħed iħejji.

l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li tajjeb li l-Kunsill jieħu nkonsiderazzjoni li kull stima mħejjija għandha tinkludi l-i*stabilization works*.

Iċ-*Chairman* qal, li huma kienu talbu lill-Perit li l-*issue* ta' l-i*stabilization works* għandha tiġi nkluża bħala *standard item* fil-*BOQ* għall-istimi kollha mħejjija fir-rispett tat-toroq tal-parti t'isfel tal-lokalita'.

**3.5** Permezz ta' *e-mail* datata 26 ta' Ġunju 2012, id-ditta *Green Forevever*, mhux biss kienet qed taċċetta li l-Kunsill ma kienx ser iħallas għall-kiri tal-*mobile toilets* għall-attivita' li saret fit-23 ta' Ġunju 2012, skont kif infurmati permezz ta' *e-mail* datata 25 ta' Ġunju 2012, iżda kienet qedgħa uffiċjalment tagħmel appoloġija għan-nuqqas minn naħa tagħhom li rrenda dan is-servizz inoperabbli.

**3.6** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijiet hawn taħt imnizzla mid-ditta *J&K Contractors Ltd*, il-kuntrattur attwali tal-Kunsill:

qt 39-12 – Tranġar ta' *culvert* fi Triq ix-Xatt faċċata ta' Triq Gżira €1400.00

qt 44-12 – *Scarifying works* ta' Triq Emanuele Giordano (Reggie Miller sa Triq Antonio Sammut) €1,160.00

qt 45-12 – Tneħħija ta' *pavement build outs* fi Triq Manoel de Vilhena k/ma' Triq ir-Rebħa u bejn toroq Rebħa u Kubrit €940.72

qt 51-12 – *Foundation & construction of flagpole base* €965.00

qt 52 -12 – *Transportation of stage re Activity* 23.06.2012 €260.00

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku mal-kwotazzjonijiet Nru: 39-12, 44-12, 51-12, 52-12 u n-nefqiet relatati.

Fir-rispett ta' kwotazzjoni 45-12 il-Kunsill ddeċieda li qabel ma jsir dan ix-xogħol għandha tittieħed il-gwida tal-Perit tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri talab sabiex il-kuntrattur *J&K Contractors Ltd*, jirranġa l-bankina ta' ħdejn id-*detergent shop* li hemm fi Triq Msida billi titneħħa l-katusa u titwitta l-bankina.

Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fis-7.20 p.m.

**3.7** Tressqet kwotazzjoni għal xiri ta' *digital camera*;

- *Nikon CoolPix S9300* €311.00
- *FujiFilm F750 XER* €391.00

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament li għalissa d-*digital camera* ma tinxtarax.

**3.8** B'eżitu tal-kummenti skambjati bejn il-membri tal-Kunsill tramite ta' l-*e-mail* dwar *Memo 27/2012 – skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet tal-Life Long Learning 2012-2013*, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe M Muscat, li dan il-Kunsill japplika biss għall-korsijiet taħt kategorija A jiġifieri Malti, Ingliż u Sommom f'livell bażiku għal liema korsijiet, il-Kunsill hu eżentat mill-ħlas.

**3.9** Invista tat-talba mis-Sinjura Evelyn Mizzi għan-nom ta' grupp ta' studenti li jixtiequ jkomplu jipprattikaw il-kors tal-Ġermaniż minkejja l-fatt li mhux kull min jattendi huwa resident Gżirjan, il-Kunsill qabel unanimament li sakemm ikun hemm *availability* ma tinstabx oġġezzjoni li jintuża l-*Activities Centre*.

**3.10** B'eżitu tat-talba mid-Diretturi ta' *The Toolbox* fi Triq ix-Xatt Gżira għall-installazzjoni ta' *loading/unloading bay* quddiem l-entita' kummerċjali tagħhom, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li ġa la darba l-Awtorita' konċernata minn talbiet simili hi, *Transport Malta*, d-Diretturi għandhom jissottomettu t-talba lil din l-Awtorita'.

**3.11** Inqrat ittra mis-Sur M.R. Woolsey residenti fi Triq Edgar Bernard dwar talba għal tneħħija ta' *traffic calming measure* li qed tikkawża ħsarat lill-propjeta' tagħhom.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li għandna nikkommunikaw mas-Sur Woolsey sabiex jinforma min hu l-Perit tiegħu biex ikun jista' jsir kuntatt miegħu mill-Perit tal-Kunsill sussegwentament ta' liema, l-Perit tal-Kunsill jissottometti gwida teknika dwar x'azzjoni għandu jieħu l-Kunsill.

**3.12** Abazi ta' petizzjoni mressqa mir-residenti ta' Triq il-Flotta, bejn Toroq Ganni Bencini u Belvedere, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li għandu jsir kuntatt mal-*MEPA* kkupjata lill-Lukanda Kennedy li qed tikkawża inkonvenjent lir-residenti.

**3.13** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li l-ittra ta' l-Avukat Noel Bartolo għan-nom ta' Publius Azzopardi tintbagħat lilll-Avukat tal-Kunsill sabiex jissottometti risposta għan-nom tiegħu.

**3.14** Il-Kunsill ġie nfurmat li permezz ta' korrispondenza datata 11 ta' Ġunju 2012, b'risposta għall-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill fil-5 ta' Marzu 2012, Dott Stanley Portelli għan-nom ta' *Transport Malta* nforma, li Triq Luqa Briffa minn Giacint Tua sa fejn ġew żviluppati l-appartamenti, kienet fil-programm kurrenti ta' żvilupp ta' toroq residenzjali għas-sena kurrenti.

**3.15** B'eżitu ta' limenti minn residenti fi Triq Edgar Bernard, il-Kunsillier Joe Camilleri responsabbli mill-Ambjent u rappreżentant ta' dan il-Kunsill fir-Reġjun, spjega li kienet qed issir pressjoni sabiex il-gwardjani ambjentali jiżdiedu minn tnejn għal sitta u dan għaliex kien stat ta' fatt, li żewġ gwardjani biss ma setgħux ilaħqu ma' l-eżiġenzi ta' tlettax –il lokalita' li jiffurmaw ir-Reġjun Ċentrali.

Hu kompla jgħid, li r-Reġjun kien qed jiddiskuti l-finanzjarjament ta' dan l-operat minħabba l-fatt, li l-ħlas fis-siegħa għal kull Uffiċjal hi €70.00.

Iċ-*Chairman* qal, li alternattiva oħra tista' tkun li jiġu nstallati *cameras* fuq bażi temporanja biex jiġu trasferiti minn triq għall-oħra u kull darba li tiċċaqlaq il-*camera* tiġi sostitwita b'*dummy camera*.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jistenna l-eżitu tar-Reġjun

**3.16** Is-Segretarju Eżekuttiv talbet liċ-*Chairman* sabiex jagħti aġġornament dwar l-attivita' ppjanata mill-Kumitat taż-Żgħażagħ u Kultura mmexxi minnu fl-24 t'Awwissu 2012, fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira bl-isem '*Gżira goes PoP*'.

Iċ-*Chairman* qal, li mill-kuntatti li għamel, kien irċieva kwotazzjoni tas-*sound* mid-ditta *BesTeam-audio* għall-prezz ta' €1,274.40 VAT inkluża, kwotazzjoni għad-dawl minn *Nexos Lighting & Vision* għall-prezz ta' €1,740.26 VAT inkluża, kwotazzjoni mhux uffiċjali għal *ten piece band* tal-Maestro Sigmund Mifsud li hi ċirca €2,400 filwaqt li kien għadu qed jistenna kwotazzjoni tad-*D.J.*u l-palk.

Hu kompla jgħid, li kienu ntbagħatu diversi ittri għall-*sponsorship* lid-ditti *WH Works*, *Tigne Point*, *Gasan Mamo Insurances*, *Vodafone plc*, *Banif Bank*, *Farsons* u l-Awtorita' tat-Turiżmu' u s'issa kellu konferma mis-Sur Charlo Pace għall-*sponsorship* ta' €1,000.00

Matul id-diskussjoni li saret, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kienet intalbet ukoll għajnuna finanzjarja mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali iżda, sa dak inhar tal-laqgħa kienet għada qed tistenna risposta kif ukoll issuġġeriet, li jsir kuntatt mas-Sur Charles Abela sabiex jiġi vverifikat jekk l-palk ikunx jista' jingħata mingħajr ħlas mid-Dipartiment tal-Kultura. Hi kompliet tgħid, li l-ispejjeż finanzjarji kollha huma suġġett għall-proċeduri finanzjarji.

Iċ-*Chairman* qal, li ried jivverifika mal-Maestro Mifsud id-daqs tal-palk qabel ma jagħmel kuntatt mad-Dipartiment tal-Kultura u invista tal-kwotazzjonijiet li kien irċieva jew kien qed jistenna risposta, talab sabiex il-Kunsill jaqbel fuq *budget* għalkemm il-mira tiegħu kienet li l-ispejjeż jiġu mifdija mill-i*sponsors.*

Invista ta' dan il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-*budget* għandu jkun ta' €8,000.

**3.17** Is-Segretarju Eżekuttiv tagħat rendikont tad-diskussjoni li kellha mas-Sur Frankie Camenzuli, propjetarju ta' gabbana tal-ġelat li kien qed jerġa' jitlob sabiex il-Kunsill jiffirmalu l-applikazzjoni ta' l-*Enemalta* għall-provista temporanja ta' elettriku għal erba' xhur tas-Sajf. Hi kompliet tgħid, li meta staqsietu jekk kellux *endorsement* mid-Dipartiment tal-Kummerċ li jirregola l-permessi tiegħu, sabiex għal dan il-perjodu jarma f'dan il-post fis hu wieġeb fin-negattiv. Għalhekk, hi nfurmatu li fiċ-ċirkustanzi ma tħossx li kellha dokumentazzjoni suffiċjenti biex tilqa' t-talba tiegħu u tiffirma l-applikazzjoni. Madanakollu, minħabba l-fatt, li talabha tressaq din il-materja għall-attenzjoni tal-Kunsill, hi kienet qed tagħmel dan u anke invista tat-talba tiegħu li s-Sindku jikkunsidra li jiffirma hu din l-applikazzjoni.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li din il-persuna kienet avviċinatu diversi drabi u kien tal-fehma li l-Kunsill għandu jiffirma din l-applikazzjoni.

Iċ-*Chairman* qal, li invista tad-diskussjoni u ddeċiżjoni li ttieħdet fil-11 t'April 2012, abazi tas-*subsidiary legislation 441.04* u l-gwidi mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kummerċ, is-Sur Godwin Warr kien tal-fehma, li jibqa' mad-deċiżjoni li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti u cioe' li din it-talba ma tistax tintlaqa'.

Il-Kunsill b'eċċezzjoni tal-Kunsillier Joe Camilleri qabel ma' dak li qal iċ-*Chairman* u għalhekk, din it-talba ma tistax tintlaqa'.

**3.18** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li l-impjegat Mattia Felice jingħata prorata ta' €465.87 jiġifieri l-ammont ta' €232.94 bħala *qualifications allowance* skont artiklu 34 tas-subsidiary legislation 363.20.

**3.19** Abazi ta' l-*e-mail* li ċ-*Chairman* kien ċċirkula lill-membri tal-Kunsill dwar it-tneħħija tal-*Bins on Wheels* kollha mill-lokalita', fuq l-istess prassi addottati mill-lokalitajiet ġirien u invista tal-kummenti mressqa mill-

membri, l-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsillier Joe Camilleri responsabbli mill-Ambjent għandu jiddiskuti din il-materja mal-kuntrattur Emanuel Mifsud li hu responsabbli minn dan is-servizz u jinforma lill-Kunsill bl-eżitu ta' din il-laqgħa.

**3.20** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

Il-Kunsillieri Charles Micallef St. John u Joe M. Muscat telqu fit-8.20 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/05 minn Nru:110 sa Nru:148 (ara *appendix* Nru:2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2** Wara diskussjoni qasira, l-iskeda tal-ħlasijiet sopraċitata ġiet approvata unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Vincenza Attard.

**5. Diskussjoni u approvazzjoni ta' Sejħa għall-Offerti għall-*Cleaning, maintenance, upkeep & embellishment of parks, public gardens and soft areas, using environmentally friendly products*.**

**5.1** Din il-materja ma ġietx diskussa.

**7. Affarijiet Oħra**

**7.1** Invista tas-suġġeriment mressaq mill-Viċi-Sindku dwar spustjar tal-*Bring-In-Sites* fi Triq Edgar Bernard, għal mal-ħajt ta' plot li għada ma ġietx żviluppata u abazi ta' l-osservazzjonijiet tal-Kunsillier Joe Camilleri, l-Kunsill qabel unanimament, li għandha tintalab il-gwida tal-Perit qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq din il-materja.

**7.2** Iċ-*Chairman* ssuġġerixxa li la darba l-Kunsill ma kienx sodisfatt bis-servizz tal-*Green MT* għandu jsir kuntatt mal-*GreenPak* bl-għan li dawn ta' l-aħħar jibdew joffru huma s-servizz relatat ma' skart seperat f'din il-lokalita'.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li d-deċiżjoni kif suġġerita miċ-*Chairman*, tiġi kkomunikata liż-żewġ entitajiet kummerċjali.

## 8. Laqgħa Oħra

**8.1** l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

Roberto Cristiano
Sindku

Rowena M.Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/05**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/05 27.06.2012** **Data:** **01.06.2012 - 27.06.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | G4S Security Services Ltd | €159.30 | €159.30 | D | | Cash In Transit - May 2012 | 31.05.2012 | GS005187 | 110 | | | 7816 |
| 2 | SRF Cleaning Services | €4,588.85 | €4,588.85 | T | | Street Sweeping G/Cutting May 2012 | 04.06.2012 | 12_2551 | 111 | | | 7817 |
| 3 | SRF Cleaning Services | €378.52 | €378.52 | T | | Cleaning Services on Sundays - May 2012 | 04.06.20120 | 12_2552 | 112 | | | 7818 |
| 4 | Melita plc | €437.54 | €437.54 | D | | Hello Serv & Usage 08.04.2012 - 07.05.2012 | 08.04.2012 | 32080356 | 113 | | | 7771 |
| 5 | Joe Bugeja & Associates | €27.95 | €27.95 | T | | C/M fee J&K Inv.1279-12 | 12.06.2012 | rfp 948 | 114 | | | 7819 |
| 6 | J&K Contractors Ltd | €100.13 | €100.13 | T | | Supply of cement- sand - cold tarmac | 03.05.2012 | 1268-12 | 115 | | | 7820 |
| 7 | J&K Contractors Ltd | €66.50 | €66.50 | T | | Supply & Install barriers Cuchieri & Victory | 03.05.2012 | 1269-12 | 116 | | | 7821 |
| 8 | Envir L/Scapes Cons. | €2,212.92 | €2,212.92 | T | | Maint of Soft Areas - May 2012 | 31.05.2012 | 008613 | 117 | | | 7822 |
| 9 | Union Print Ltd | €259.60 | €259.60 | D | | Printing of Business Cards for C/Members | 22.06.2012 | P1003864 | 118 | | | 7823 |
| 10 | GO plc | €38.46 | €38.46 | D | | Tel No: 21322157 - Calls May - Rent June 2012 | 05.06.2012 | 28163327 | 119 | | | 7805 |
| 11 | GO plc | €20.90 | €20.90 | D | | Tel No: 21341616 - Calls May Rent June 2012 | 05.06.2012 | 28162819 | 120 | | | 7806 |
| 12 | GO plc | €85.66 | €85.66 | D | | 21334254/341034 Calls May Rent June 2012 | 05.06.2012 | 28162814 | 121 | | | 7807 |
| 13 | Stardelta Hardware | €15.30 | €15.30 | D | | Maint of Pjazza Meme' Scicluna | 04.06.2012 | 5867889 | 122 | | | 7824 |
| 14 | Alfa Co Ltd | €105.76 | €105.76 | D | | Rentals & Copies - 13.04.2012 - 12.05.2012 | 31.05.2012 | 83577 | 123 | | | 7825 |
| 15 | Alfa Co Ltd | €60.25 | €60.25 | D | | Rentals & Copies - 13.04.2012 - 12.05.2012 | 31.05.2012 | 83578 | 123 | | | 7825 |
| 16 | The Toolbox | €9.93 | €9.93 | D | | Maint of benches in Pjazza Meme' Scicluna | 14.05.2012 | 11093 | 124 | | | 7826 |
| 17 | The Toolbox | €15.92 | €15.92 | D | | marking of litter bins & Festa | 15.06.2012 | 11176 | 124 | 039/040 | | 7826 |
| 18 | The Toolbox | €27.64 | €27.64 | D | | inst. Of stainless steel stars for EU monument | 18.06.2012 | 11180 | 124 | | | 7826 |
| 19 | J. Bugeja & Associates | €742.34 | €687.25 | T | | Arch Services for May 2012 | 13.06.2012 | rfp 956 | 125 | | | 7844 |
| 20 | O'Hea Pharmacy | €44.24 | €44.24 | D | | Sunblock for ETC & IPSL | 18.06.2012 | 01/2012 | 126 | | | 7827 |
| | **Sub Total c/f** | **€9,397.71** | **€9,342.62** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€9,397.71** | **€9,342.62** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/05**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/05 27.06.2012** **Data:** **01.06.2012 - 27.06.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Longbow Ltd | €151.04 | €151.04 | D | | Degradable Bags for litter Bins ix-Xatt | 14.06.2012 | 107814 | 127 | | | 7828 |
| 22 | Borg Hardware Store | €71.00 | €71.00 | D | | Maint admin. Office | 12.06.2012 | 133 | 128 | | | 7829 |
| 23 | Terracore Ltd | €88.50 | €88.50 | D | | Sampling of asphalt - Ponsonby | 13.06.2012 | R02647 | 129 | | | 7830 |
| 24 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | €344.13 | €344.13 | T | | Traffic Signs as per Job No: 9339 | 29.05.2012 | 16532 | 130 | | | 7831 |
| 25 | EcoPure | €16.99 | €16.99 | D | | Drinking water for Admin Office | 14.06.2012 | 518423 | 131 | | | 7832 |
| 26 | Squire Bookshop | €69.95 | €69.95 | D | | Newspapers for the month of March 2012 | 15.06.2012 | 310 | 132 | | | 7833 |
| 27 | Squire Bookshop | €69.10 | €69.10 | D | | Newspapers for the month of April 2012 | 15.06.2012 | 311 | 133 | | | 7834 |
| 28 | Squire Bookshop | €66.15 | €66.15 | D | | Newspapers for the month of May 2012 | 15.06.2012 | 312 | 134 | | | 7850 |
| 29 | Melita plc | €286.23 | €286.23 | D | | Hello Service & Usage 08.06.12 - 07.07.2012 | 08.06.2012 | 32380413 | 135 | | | 7809 |
| 30 | Mr. Joe Borg | €46.59 | €46.59 | D | | Duck Food for the month of June 2012 | 01/06/12 | 38 | 136 | | | 7835 |
| 31 | Ms Alexandra Galea | €375.00 | €375.00 | K | | Craft Lessons for the month of June 2012 | 01/06/12 | 32 | 137 | | | 7815 |
| 32 | Mr. Emanuel Mifsud | €5,590.50 | €5,590.50 | T | | Door to Door Collection - June 2012 | 01/06/12 | 31 | 138 | | | 7839 |
| 33 | Mr. Emanuel Mifsud | €432.87 | €432.87 | T | | Skip Hire during June 2012 | 01/06/12 | 32 | 139 | | | 7840 |
| 34 | Mr Emanuel Mifsud | €836.06 | €836.06 | T | | Public Convenience - June 2012 | 01/06/12 | 33 | 140 | | | 7841 |
| 35 | Mr. Emanuel Mifsud | €990.80 | €990.80 | T | | Bulky Refuse - 181 Calls for May 2012 | 01/06/12 | 34 | 141 | | | 7842 |
| 36 | Melita plc | €334.74 | €334.74 | D | | Hello Service & Usage 08.05.12 - 07.06.2012 | 08.05.2012 | 32228458 | 142 | | | 7810 |
| 37 | MaltaPost plc | €124.88 | €124.88 | D | | Distribution of Impenn | 19.06.2012 | | 143 | | | 7811 |
| 38 | Mr. Adrian Schembri | €270.00 | €270.00 | D | | Hiring of Chairs & Tables | 12.06.2012 | 38 | 144 | | | 7836 |
| 39 | WasteServ Malta Ltd | €4,064.39 | €4,064.39 | D | | Allocated MSW Waste - May 2012 | 15.06.2012 | 23165 | 145 | | | 7837 |
| 40 | Honoraria | €521.83 | €521.83 | | | Honoraria | | | 146 | | | 945 |
| | **Sub Total c/f** | **€14,750.75** | **€14,750.75** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€9,397.71** | **€9,342.62** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€24,148.46** | **€24,093.37** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **Klg6/05**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Laqgħa Klg6/05 27.06.2012** **Data:** **01.06.2012 - 27.06.2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Salaries for the month of June 2012 | €5,213.67 | €5,213.67 | | | Salaries for the month of June 2012 | | | 147 | | | 946, 951, 947, 952, 948, 953, 949, 954, |
| 42 | Allowances-June 2012 inc previous Council(Jan - June) | €3,460.00 | €3,460.00 | | | Allowances-June 2012 inc previous Council(Jan - June) | | | 148 | | | 957 - 968 |
| 43 | C.I.R. | €1,965.18 | €1,965.18 | | | C.I.R | | | | | | 955 |
| 44 | | | | | | | | | | | | |
| 45 | | | | | | | | | | | | |
| 46 | | | | | | | | | | | | |
| 47 | | | | | | | | | | | | |
| 48 | | | | | | | | | | | | |
| 49 | | | | | | | | | | | | |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€10,638.85** | **€10,638.85** |
| **Sub Total b/f** | **€24,148.46** | **€24,093.37** |
| **Total** | **€34,787.31** | **€34,732.22** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier